



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Marzu 2023
(OR. en)

6991/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0067 (NLE)

ECOFIN 201
FIN 269
UEM 51

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d- Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l- approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall- Finlandja
----------	--

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Finlandja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 18(2) u l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”) mill-Finlandja fis-27 ta’ Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fid-29 ta’ Ottubru 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta’ Ottubru 2021”)¹.
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli tiġi aġġornata għal kull Stat Membru sat-30 ta’ Ġunju 2022 f’konformità mal-metodoloġija stipulata fih. Fit-30 ta’ Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta’ dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja ġiet aġġornata 'l isfel.
- (3) Fis-26 ta’ Jannar 2023, il-Finlandja ppreżentat l-RRP aġġornat tagħha lill-Kummissjoni, f’konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP aġġornat, f’konformità mal-linji gwida ta’ valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta’ dak ir-Regolament.

¹ Ara d-dokumenti ST 12524/21 INIT u ST 12524/21 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) L-aġġornament ippreżentat mill-Finlandja jaffettwa 23 miżura taħt il-komponenti P1C2, P1C3, P1C4, P2C1, P2C2, P3C1, P3C2, P3C3, P3C4 u P4C1 kif imsemmi fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021.
- (5) Ir-riforma P1C2R1 tikkonċerna l-aġġornament tal-Att dwar il-Klima u l-industrijalizzazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-Finlandja talbet li tikkoreġi referenzi żbaljati għall-“Att dwar it-Tibdil fil-Klima” fi stadji importanti bin-numri sekwenzjali 11 u 12 u pprovdiet evidenza biex tikkonferma li r-referenza korretta hija “l-Att dwar il-Klima”.
- (6) L-investiment P1C2I1 jipprovdi finanzjament għall-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu b'emissjonijiet baxxi kif ukoll għall-qbid u l-użu tad-diossidu tal-karbonju CO₂. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, l-ispiża stmata ta' dik il-miżura ġiet riveduta 'l isfel minn EUR 156 miljun għal EUR 136 miljun, li jfisser li numru iżgħar ta' proġetti jistgħu jiġu ffinanzjati. Barra minn hekk, il-Finlandja spjegat li l-implimentazzjoni ta' dik il-miżura diġà bdiet u d-daqs medju tal-proġett huwa akbar milli mistenni fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-RRP inizjali tal-Finlandja. Fuq dik il-bażi, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-mira bin-numru sekwenzjali 18 sabiex dik il-mira tiġi riveduta 'l isfel u tirrikjedi t-tlestija ta' tliet proġetti appoġġati minflok ħames proġetti appoġġati.

- (7) L-investiment P1C2I2 jipprovdi finanzjament għall-elettrifikazzjoni diretta u l-karbonizzazzjoni baxxa tal-proċessi industrijali mmirati lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ fis-settur industrijali. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, l-ispiża stmata ta' dik il-miżura ġiet riveduta 'l isfel minn EUR 60 miljun għal EUR 48 miljun, li jfisser li numru iżgħar ta' proġetti jistgħu jiġu ffinanzjati. Fuq dik il-bażi, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-mira bin-numru sekwenzjali 21 sabiex dik il-mira tiġi riveduta 'l isfel proporzjonalment u tirrikjedi t-tlestija ta' tliet proġetti appoġġati minflok erba' proġetti appoġġati.
- (8) L-investiment P1C3I1 jikkonċerna l-appoġġ għall-eliminazzjoni gradwali tat-tisħin biż-żejt fossili. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, dik il-miżura tneħħiet mill-RRP aġġornat tal-Finlandja. Għalhekk jenħtieġ li jitneħħew id-deskrizzjoni tal-investiment li jikkonċernaw is-sistemi tat-tisħin, kif ukoll l-istadji importanti korrispondenti b'numri sekwenzjali 28, 29 u 30.

- (9) L-investiment P1C4I1 jipprovdi finanzjament għall-infrastruttura tad-distribuzzjoni għall-vetturi tal-gass, tal-elettriku u tal-idroġenu. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, l-ispiża stmata ta' dik il-miżura ġiet riveduta 'l isfel minn EUR 20 miljun għal EUR 13,6 miljun, li jfisser li numru iżgħar ta' proġetti jistgħu jiġu ffinanzjati. Il-Finlandja spjegat li, minħabba l-kontribuzzjoni finanzjarja mnaqqsa u l-implimentazzjoni bil-mod ta' xi teknoloġiji, biħsiebha tidderieġi l-finanzjament biss lejn dawk it-teknoloġiji li huma aktar effiċjenti u li jistgħu jiġu implimentati malajr, sabiex tiżgura l-effettività tal-miżura. Fuq dik il-bażi, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha sabiex l-appoġġ jingħata biss għall-bini ta' infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi u għall-istazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu. Għal din ir-raġuni, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 39 biex tneħħi r-referenzi għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet għall-infrastruttura tad-distribuzzjoni għall-vetturi tal-gass u biex tqis il-kalendarju aġġornat tas-sejħa. Barra minn hekk, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha sabiex il-miri bin-numri sekwenzjali 40, 41, 42 u 43 jiġu kkonsolidati f'mira ġdida 40, li tirreferi għall-impenn tal-baġit imnaqqas għall-miżura biex jiġu ffinanzjati ċ-ċarġers tal-vetturi elettriċi u l-istazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu. Fl-aħħar nett, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-iskeda ta' żmien indikattiva għall-mira l-ġdida għall-40 sabiex dik l-iskeda ta' żmien tiġi stabbilita għat-tieni trimestru tal-2025 minflok għat-tieni trimestru tal-2024 bħala riżultat ta' żminijiet itwal ta' eżekuzzjoni. Jenħtieġ li dawk il-bidliet jiġu riflessi wkoll fid-deskrizzjoni tal-miżura fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021.

- (10) L-investiment P1C4I2 jikkonċerna l-finanzjament għall-infrastruttura tal-iċċarġjar ta' bini residenzjali u l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ għall-infrastruttura tal-iċċarġjar privata għall-postijiet tax-xogħol. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, dik il-miżura tneħħiet mill-RRP aġġornat tal-Finlandja. Għalhekk jenħtieġ li jitneħħew id-deskrizzjoni tal-investiment li jikkonċerna l-infrastruttura tal-iċċarġjar privata, kif ukoll l-istadji importanti u l-miri korrispondenti bin-numri sekwenzjali 44, 45 u 46.
- (11) L-investiment P2C1I1 jipprovdi finanzjament biex jiżdiedu l-kwalità u d-disponibbiltà tal-konnessjonijiet tal-komunikazzjoni f'żoni fejn tali konnessjonijiet mhumiex ipprovduti abbażi tal-mekkaniżmi tas-suq biss. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, l-ispiża stmata ta' dik il-miżura ġiet riveduta 'l isfel minn EUR 50 miljun għal EUR 32 miljun, li jfisser li numru iżgħar ta' proġetti jistgħu jiġu ffinanzjati. Abbażi ta' dak, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-mira bin-numru sekwenzjali 56 sabiex dik il-mira tiġi riveduta 'l isfel proporzjonalment minn mill-inqas 10 000 abitazzjoni ġdida li jiksbu aċċess għal broadband b'veloċità għolja (100/100 Mbit/s) għal mill-inqas 6 400 abitazzjoni ġdida li jiksbu aċċess għal broadband b'veloċità għolja (100/100 Mbit/s). Bl-istess mod, il-Finlandja talbet li l-mira bin-numru sekwenzjali 57 tiġi riveduta 'l isfel proporzjonalment minn mill-inqas 25 000 abitazzjoni ġdida li jiksbu aċċess għal broadband b'veloċità għolja (100/100 Mbit/s) għal mill-inqas 16 000 abitazzjoni ġdida li jiksbu aċċess għal broadband b'veloċità għolja (100/100 Mbit/s).

- (12) L-investiment P2C2I2 jipprovdi finanzjament għall-iżvilupp tal-pjattaforma tas-servizz Virtwali tal-Finlandja biex jippermetti t-twassil ta' servizzi diġitali mingħajr xkiel mis-settur pubbliku u privat għal gruppi fil-mira differenti li jiġu fil-Finlandja. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, l-ispiża stmata ta' dik il-miżura ġiet riveduta 'l isfel minn EUR 9 miljun għal EUR 4 miljun. Il-Finlandja għandha l-intenzjoni li twettaq l-implimentazzjoni Prattika tal-Proġett b'finanzjament u mezzi oħra, filwaqt li żżomm l-istess livell ta' ambizzjoni biex tibni pjattaforma tas-suq ġenerika. Fuq dik il-bażi, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha sabiex timmodifika d-deskrizzjoni tal-miżura biex tirrifletti l-fatt li l-investiment se jġedded il-kunċett tas-servizz u jintegra servizz wieħed fil-pjattaforma, filwaqt li jipprovdi l-possibbiltà li jiġu integrati servizzi oħra li bħalissa huma ttrattati separatament f'ministeri u aġenziji differenti, f'entità faċli għall-utent unika. B'konsegwenza ta' dan, l-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 63 relatat mad-dħul fis-seħħ tal-pjattaforma konġunta u s-servizzi integrati Virtual Finland ġie rivedut biex jirrifletti l-fatt li l-investiment P2C2I2 jipprovdi kunċett ġenerali, arkitettura u validazzjoni Prattika skalabbli (prova tal-kunċett). L-oġettiv tal-istadju importanti huwa li tinbena pjattaforma b'servizzi diġitali rilevanti meħtieġa għal suq internazzjonali u post fejn jiltaqgħu l-kumpaniji Finlandiżi u barranin, il-kumpaniji tat-tkabbir, l-esperti migranti u l-investituri. Barra minn hekk, l-istadju importanti 63 jispeċifika li l-pjattaforma se toffri kapaċitajiet għall-aġenziji tas-settur pubbliku, il-kumpaniji u l-muniċipalitajiet biex jużaw il-funzjonalitajiet fil-proċessi tagħhom stess u ġiet riveduta 'l isfel mir-rekwiżit li jiġu integrati mill-inqas żewġ servizzi li jikkonċernaw il-proċess ta' dħul għal individwi u negozji barranin, għal mill-inqas servizz bħal dan wieħed.

- (13) Ir-riforma P3C1R2 tikkonċerna t-tneħħija ta' jiem addizzjonali ta' benefiċċju tal-qgħad. Għe identifikat żball klerikali fid-deskrizzjoni tal-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 80, li jirreferi għall-“Atti dwar is-Sigurtà tal-Qgħad”, aktar milli l-“Att dwar is-Sigurtà tal-Qgħad”, kif imniżżel fl-isem tal-miżura.
- (14) Ir-riforma P3C1R3 tikkonċerna s-simplifikazzjoni tal-proċess tal-immigrazzjoni bbażat fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni. Il-miżura għandha l-għan li (a) toħloq rotta rapida għall-ipproċessar tal-permessi ta' residenza għall-ispeċjalisti, l-imprendituri tat-tkabbir u l-membri tal-familja tagħhom (il-mira bin-numru sekwenzjali 83) u (b) tqassar il-ħin tal-ipproċessar għall-għoti ta' permessi ta' residenza bbażati fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni (il-mira b'numru sekwenzjali 84). Għall-pass mgħaġġel, il-linja bażi għet ikkalkulata bi żball fuq il-baży taż-żmien medju tal-ipproċessar tad-deċiżjonijiet għall-kategoriji speċjalizzati u tal-imprendituri tat-tkabbir, aktar milli fuq il-medja ponderata taż-żewġ kategoriji. Barra minn hekk, il-kategoriji ta' applikazzjonijiet inklużi fil-linja baży kienu differenti minn dawk eliġibbli għall-pass mgħaġġel. Għall-permessi tax-xogħol u tal-edukazzjoni, tidher diskrepanza fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021, peress li l-mira hija għal permessi ta' residenza bbażati fuq ix-xogħol u l-edukazzjoni, filwaqt li l-linja baży tirrifletti l-proċessi tal-permessi ta' residenza tal-ħaddiema, tal-ispeċjalisti u tal-intraprendituri tat-tkabbir. Għalhekk, il-Finlandja pproponiet li tagħmel korrezzjonijiet għal-linja baży sabiex tkopri l-permessi tax-xogħol u tal-istudju u tkun allinjata mal-mira. Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi ċċarat li l-mira bin-numru sekwenzjali 84 tapplika għall-permessi mogħtija. Dawk il-korrezzjonijiet jippermettu tqabbil aktar dirett tal-linja baży u l-mira għall-miri bin-numri sekwenzjali 83 u 84.

- (15) Ir-riforma P3C1R4 tikkonċerna t-tisħiħ tas-servizzi multidixxiplinari għaż-żgħażaġh (servizzi Ohjaamo). Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, l-ispiża stmata ta' dik il-miżura ġiet riveduta 'l isfel minn EUR 13 miljun għal EUR 6,5 miljun. Fuq dik il-bażi, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-mira b'numru sekwenzjali 85 billi rrevedietha 'l isfel proporzjonalment mal-finanzjament imnaqqas. Filwaqt li n-natura tal-impenn ma tinbidilx, il-mira ġiet riveduta billi tintrabat mar-riżorsi allokat i mnaqqsa, li hija aktar adattata biex taqbad l-oġġettiv tal-miżura, u billi tiġi aġġornata l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni biex tirrifletti l-metodu li permezz tiegħu l-finanzjament imnaqqas jista' jiġi implimentat b'mod effettiv. L-ambitu tas-servizzi integrati huwa ċċarat wkoll f'konformità mal-linja bażi oriġinali pprovduta mill-Finlandja, li rriflettiet l-għan li jiżdiedu s-servizzi soċjali, tas-saħħa u tal-edukazzjoni pprovduti fiċ-ċentri Ohjaamo bir-riżorsi allokat i, mingħajr l-intenzjoni li daw k it-tliet servizzi kollha jiġu koperti f'kull ċentru ta' Ohjaamo. Jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-miżura fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jiġi emendat sabiex jirrifletti dik ir-reviżjoni, u biex jikkoreġi żball klerikali li jimplika li l-impjieg ikun wieħed mis-servizzi koperti minn dik il-miżura, minħabba li dan mhuwiex imsemmi fl-RRP tal-Finlandja.

- (16) L-investiment P3C1I1 jipprovdi finanzjament għall-iżvilupp tal-kapaċità għax-xogħol, il-produttività u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, l-ispiża stmata ta' dik il-miżura ta' investiment ġiet riveduta 'l isfel minn EUR 47 miljun għal EUR 37,5 miljun. Il-baġit imnaqqas għal dik il-miżura jfisser li numru iżgħar ta' impjegati jistgħu jiġu impjegati mill-operatur intermedju l-ġdid tas-suq tax-xogħol. Fuq dik il-bażi, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-miri bin-numri sekwenzjali 87 u 88 sabiex daww il-miri jiġu riveduti 'l isfel minn 400 għal 170 persuna b'diżabbiltà u minn 700 għal 650 persuna b'diżabbiltà, rispettivament. Barra minn hekk, ġie identifikat żball klerikali fil-mira bin-numru sekwenzjali 89 fir-rigward tal-użu tat-terminu "distrett ta' sptar". Id-distretti tal-isptarijiet qed jiġu kkonvertiti f'oqsma ta' assistenza soċjali taħt ir-riforma tas-settur soċjali u tas-saħħa appoġġata taħt P4C1R1. Jenħtieġ li t-terminoloġija bejn daww il-miżuri tiġi allinjata.

- (17) Ir-riforma P3C2R1 għandha l-għan li ttejjeb l-opportunitajiet ta' impjieg tal-persuni fl-età tax-xogħol billi tiżviluppa l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom u li tappoġġa l-potenzjal ta' tkabbir fit-tul tal-kumpaniji u l-vitalità tar-reġjuni. Għe identifikat żball klerikali fl-istadju importanti b'numru sekwenzjali 92, peress li minbarra l-iżvilupp ta' mudell ta' prospettiva fuq terminu medju, dak l-istadju importanti jirreferi b'mod żbaljat għall-iżvilupp ta' mudelli fuq terminu qasir u twil. Il-Finlandja pprovdiet evidenza li tikkonferma li mudelli fuq terminu qasir u twil diġà kienu jeżistu fiż-żmien tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 u qatt ma kienu maħsuba biex jiġu appoġġati taħt dik il-miżura tal-RRP. L-intenzjoni tagħha kienet li tlesti mudell ta' tbassir fuq terminu medju li jikkomplementa l-mudelli eżistenti fuq terminu qasir u twil. Għalhekk hemm bżonn li d-deskrizzjoni tal-istadju importanti tiġi emendata billi jitneħħew ir-referenzi għall-mudelli fuq terminu qasir u fit-tul skont dan.

- (18) L-investiment P3C2I1 għandu l-għan li jippermetti u jaċċellera t-trasformazzjoni tas-sistema tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet bejn il-fruntieri amministrattivi billi jwettaq programm estensiv ta' diġitalizzazzjoni. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, l-ispiża stmata ta' dik il-miżura ġiet riveduta 'l isfel minn EUR 46 miljun għal EUR 32 miljun. Il-baġit imnaqqas ifisser li sehem aktar baxx ta' servizzi diġitali operattivi ġodda jista' jsir disponibbli. Il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha biex tirrevedi l-mira bin-numru sekwenzjali 97 minn 80 % għal 70 % tas-servizzi disponibbli, biex tintroduċi tnaqqis u raggruppament tas-servizzi sabiex jiġu sfruttati s-sinerġiji, u biex testendi d-data tat-tlestija b' sena sal-2025. Skont il-Finlandja, dak jippermetti li jinżammu l-funzjonalitajiet minimi meħtieġa li tnaqqis proporzjonali għas-servizzi ma jggarantix u li jtaffi l-effetti negattivi ta' allokazżjoni mnaqqsa permezz tal-ippjanar mill-ġdid tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-servizz. Il-Finlandja aġġornat ukoll l-RRP tagħha biex tirrevedi l-lingwaġġ fid-deskrizzjoni tal-mira sabiex ittejjeb il-preċiżjoni tagħha, filwaqt li tqis l-allokazżjoni mnaqqsa. Dak jinkludi referenza għall-funzjonalitajiet inklużi fis-servizzi aktar milli jirreferu biss għal servizzi, it-tħassir tar-referenza għall-kapaċitajiet taħt il-funzjonalità tal-immappjar u ż-żieda ta' referenza għat-taħriġ taħt il-funzjonalità tal-informazzjoni. Hemm ukoll il-ħtieġa li tiġi riveduta d-deskrizzjoni tal-miżura sabiex id-data tat-tlestija tiġi estiża sal-2025 u li jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura billi jiġu esklużi b'mod espliċitu l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal mill-pakkett diġitali għat-tagħlim kontinwu.

- (19) L-investiment P3C3I3 jipprovdi finanzjament biex tingħata spinta lill-attivitajiet tar-riċerka, żvilupp u innovazzjoni (“RŻI”) li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li jiffoka fuq is-setturi u t-teknoloġiji ewlenin tat-tranżizzjoni ekoloġika. Fid-dawl tal-aġġornament ’l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, l-ispiża stmata ta’ dak l-investiment ġiet riveduta ’l isfel minn EUR 27 miljun għal EUR 25 miljun. Fuq dik il-bażi, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha biex tirrevedi l-mira bin-numru sekwenzjali 108 sabiex id-deskrizzjoni tagħha tirrifletti l-bidla fil-finanzjament allokat għall-miżura.
- (20) L-investiment P3C3I4 jipprovdi finanzjament biex jiżdiedu l-investimenti tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju fir-RŻI u biex tittejjeb it-tħejjija tagħhom għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika. Fid-dawl tal-aġġornament ’l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, l-ispiża stmata ta’ dik il-miżura ġiet riveduta ’l isfel minn EUR 20 miljun għal EUR 18 miljun, li jfisser li numru iżgħar ta’ proġetti jistgħu jiġu ffinanzjati. Fuq dik il-bażi, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-mira b’numru sekwenzjali 110 sabiex dik il-mira tiġi riveduta ’l isfel proporzjonalment mill-għoti ta’ mill-inqas 25 għotja għal mill-inqas 22 għotja. Barra minn hekk, il-mira bin-numru sekwenzjali 111 għandha tiġi riveduta sabiex id-deskrizzjoni tagħha tirrifletti l-bidla fil-finanzjament allokat għall-miżura.

- (21) L-investiment P3C3I5 jipprovdi finanzjament għat-tiġdid u l-iżvilupp tal-infrastruttura tar-riċerka lokali. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, l-ispiża stmata ta' dak l-investiment ġiet riveduta 'l isfel minn EUR 30 miljun għal EUR 25,25 miljun, li jfisser li numru iżgħar ta' proġetti jistgħu jiġu ffinanzjati. Fuq dik il-bażi, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-mira b'numru sekwenzjali 113 sabiex dik il-mira tiġi riveduta 'l isfel proporzjonalment mill-għoti ta' mill-inqas 12 għotja għal mill-inqas 10 għotja. Bl-istess mod, il-mira bin-numru sekwenzjali 114 għandha tiġi riveduta sabiex id-deskrizzjoni tagħha tirrifletti l-bidla fil-finanzjament allokat għall-miżura.
- (22) L-investiment P3C3I7 jipprovdi finanzjament biex jappoġġa l-iżvilupp ta' ambjenti tal-ittestjar (infrastrutturi tal-innovazzjoni), b'enfasi fuq l-oġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, l-ispiża stmata ta' dak l-investiment ġiet riveduta 'l isfel minn EUR 25 miljun għal EUR 20,75 miljun, li jfisser li numru iżgħar ta' proġetti jistgħu jiġu ffinanzjati. Fuq dik il-bażi, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-mira bin-numru sekwenzjali 119 sabiex dik il-mira tiġi riveduta 'l isfel proporzjonalment mill-għoti ta' mill-inqas erbgħa għotja għal mill-inqas tliet għotja, u għall-mira bin-numru sekwenzjali 120 sabiex dik il-mira tiġi riveduta sabiex id-deskrizzjoni tagħha tirrifletti l-bidla fil-finanzjament allokat għall-miżura.

- (23) L-investiment P3C4I1 jipprovdi finanzjament biex jitħaffef it-tkabbir tal-intrapriżi mikro u żgħar Finlandiżi u biex tingħata spinta lill-kapaċitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni tagħhom. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, il-finanzjament stmat ta' dik il-miżura ta' investiment ġie rivedut 'l isfel minn EUR 10 miljun għal EUR 4,6 miljun, li jfisser li jistgħu jiġu ffinanzjati għadd iżgħar ta' proġetti. Abbażi ta' dak, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-mira bin-numru sekwenzjali 123 sabiex dik il-mira tiġi riveduta 'l isfel proporzjonalment mit-tlestija ta' mill-inqas 240 proġett appoġġat għal mill-inqas 110 proġett appoġġat.

- (24) L-investiment P3C4I2 jipprovdi finanzjament biex jappoġġa t-tkabbir internazzjonali tal-kumpaniji permezz ta' għotjiet speċifiċi għall-iżvilupp u jikkonsisti fl-interventi li ġejjin:
- (a) programm li jippromwovi ekonomija ċirkolari, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u tiġdid diġitali fl-industrija u li jżid l-esportazzjonijiet ta' servizzi industrijali;
 - (b) ekosistema tat-trasport tal-vetturi elettriċi tqal; (c) sussidju għall-konverżjoni u l-akkwist għall-vetturi; (d) l-għarfien espert u t-teknoloġija tas-saħħa u l-benesseri; u (e) programm għat-tkabbir u l-esportazzjonijiet tal-għarfien espert dwar l-ilma. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, il-finanzjament stmat ta' dik il-miżura ġie rivedut 'l isfel minn EUR 24 miljun għal EUR 17 miljun. Fuq din il-bażi, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha biex tneħħi l-intervent rigward il-konverżjoni u s-sussidju tal-akkwist għall-vetturi mill-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 124. Barra minn hekk, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-mira bin-numru sekwenzjali 126 sabiex dik il-mira tiġi riveduta 'l isfel minn mill-inqas 550 entità li rċevew appoġġ għal mill-inqas 40 proġett. Wara t-tneħħija tal-intervent rigward il-konverżjoni tal-vetturi u s-sussidju għall-akkwist tal-vetturi, li kien jinkludi persuni fiżiċi fost ir-riċevituri finali, ir-referenza għall-entitajiet appoġġati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 għandha tinbidel fi proġetti kkompletati għal aktar ċarezza.

- (25) L-investiment P3C4I4 jipprovdi finanzjament biex tingħata spinta lit-tkabbir sostenibbli u l-innovazzjoni fis-settur tat-turiżmu. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, il-finanzjament stmat ta' dik il-miżura ġie rivedut 'l isfel minn EUR 20 miljun għal EUR 11,75 miljun, li jfisser li għadd iżgħar ta' entitajiet jistgħu jiġu appoġġati. Abbażi ta' dak, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 130 sabiex dak l-istadju importanti jiġi rivedut sabiex jirrifletti l-fatt li għandha titnieda sejħa waħda biss għall-applikazzjonijiet għall-finanzjament tar-RŻI għas-settur tat-turiżmu. Barra minn hekk, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha għall-mira bin-numru sekwenzjali 131 sabiex dik il-mira tiġi riveduta 'l isfel minn mill-inqas 35 għal mill-inqas 14 entitajiet li jirċievu appoġġ. B'riżultat ta' dan, l-entitajiet li jirċievu appoġġ ikunu biss kumpaniji u mhux ser jibqgħu inklużi l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew l-istituti ta' riċerka. Fid-dawl tal-allokazzjoni finanzjarja mnaqqa, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha biex tittrasforma l-mira b'numru sekwenzjali 132 relatata mal-implimentazzjoni ta' kalkolatur diġitali tal-impronta tal-karbonju għas-servizzi tat-turiżmu fi stadju importanti. Jenħtieġ li l-istadju importanti jirreferi biss għall-ippjanar, l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni tal-kalkolatur tal-marka tal-karbonju diġitali għas-servizzi tat-turiżmu, b'materjal ta' taħriġ li għandu jkun disponibbli għall-utenti, filwaqt li titqies l-allokazzjoni mnaqqa. Fl-aħħar nett, il-Finlandja aġġornat l-RRP tagħha biex taġġusta d-deskrizzjoni tal-miżura kif xieraq billi neħħiet il-fażi ta' implimentazzjoni tal-kalkolatur tal-impronta tal-karbonju diġitali, li kellha l-għan li timplimenta l-użu tal-kalkolatur tal-marka tal-karbonju diġitali nazzjonali għas-servizzi tat-turiżmu f'mill-inqas 45 % tal-kumpaniji u r-reġjuni tat-turiżmu impenjati għall-programm Sustainable Travel Finland.

- (26) L-investiment P4C1I1 jipprovdi finanzjament għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-garanzija tal-kura u għat-tnaqqis tas-servizzi pendenti minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Fid-dawl tal-aġġornament 'l isfel tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja, il-finanzjament stmat ta' dik il-miżura ta' investiment ġie rivedut 'l isfel minn EUR 230 miljun għal EUR 178 miljun. Ma hija prevista l-ebda bidla relatata mal-kontribuzzjoni finanzjarja mnaqqa fid-deskrizzjoni tal-miżura jew tal-mira assoċjata. Madankollu, ġie identifikat żball klerikali fir-rigward tal-linja bażi għall-mira bin-numru sekwenzjali 136. Il-linja bażi attwali bi żball tinkludi żjarat fiżiċi biss, bil-valur irregiſtrat f'Jannar 2020, filwaqt li l-garanzija ta' kura u l-miżura kif deskritti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 huma relatati maż-żjarat kollha. Il-Finlandja pprovdiet evidenza b'appoġġ għall-bidla tal-linja bażi għal 67 % għaż-żjarat kollha f'Jannar 2020.
- (27) L-investiment P4C1I3 jipprovdi finanzjament biex tiżdied il-kwalità u l-kosteffettività tas-servizzi soċjali u tas-saħħa billi jippromwovi r-riċerka dwar prattiki tajbin u jiżviluppa monitoraġġ effettiv u metodi ta' analiżi. Ġie identifikat żball klerikali fid-deskrizzjoni tal-istadju importanti bin-numru sekwenzjali 138, peress li ssir referenza għall-estensjoni tal-monitoraġġ tal-garanzija tal-kura bl-użu tas-servizzi diġitali Kanta minn 90 % taċ-ċentri tas-saħħa għalihom kollha. Madankollu, il-Finlandja pprovdiet evidenza li tikkonferma li dak qatt ma kien maħsub, peress li s-servizzi Kanta ma kinux qed joffru dik il-funzjonalità meta ġiet adottata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 u li d-data tinġabar permezz tar-reġistru tal-kura primarja.

- (28) Il-bidliet li saru fit-Taqsima 1 tal-Anness għad-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021, huma riflessi wkoll fit-Taqsima 2 ta' dak l-Anness, li tagħti dettalji dwar l-appoġġ finanzjarju pprovdut lill-Finlandja għal kull pagament parzjali. Dawk il-bidliet jirriflettu t-tneħħija u l-modifika tal-istadji importanti u l-miri deskritti hawn fuq, filwaqt li jaġġornaw ukoll l-ammonti ta' pagament għal kull pagament parzjali biex jittieħed kont tal-kontribuzzjoni finanzjarja massuna aġġornata f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament(UE) 2021/241.
- (29) In-natura mmirata tal-modifiki mressqa mill-Finlandja ma taffettwax il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP fir-rigward tar-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza jew il-koerenza tiegħu.
- (30) B'mod partikolari, fir-rigward tal-kriterju ta' valutazzjoni stipulat fl-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241, minkejja t-tneħħija tal-miżuri ta' investiment relatati mas-sostituzzjoni tas-sistemi tat-tisħin u tal-infrastruttura privata tal-iċċarġjar, il-RRP aġġornat ikompli jindirizza l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati mill-Kunsill lill-Finlandja fl-2019 u fl-2020, inklużi l-isfidi li jikkonċernaw it-tranżizzjoni ekoloġika. Il-RRP aġġornat għad fih sett sostanzjali ta' miżuri ekoloġiċi, inkluż dwar l-eliminazzjoni gradwali tat-tisħin taż-żejt fossili u l-mobbiltà sostenibbli. B'mod partikolari, il- "Pjan ta' Azzjoni biex jitneħħa gradwalment it-tisħin taż-żejt fossili" se jistabbilixxi l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi appoġġata t-tneħħija gradwali tat-tisħin taż-żejt fossili fil-bini kollu fil-Finlandja sal-2030. Barra minn hekk, il-"Pjan Direzzjonali għat-trasport mingħajr fjuwils fossili" jinkludi miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet tat-trasport b' 50 % fl-2030 meta mqabbla mal-2005 u l-RRP jinkludi miżura ta' investiment li tappoġġa l-infrastruttura pubblika tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil għall-vetturi tal-gass, tal-elettriku u tal-idroġenu.

- (31) Barra minn hekk, fir-rigward tal-kriterju ta' valutazzjoni stipulat fl-Artikolu 19(3), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/241, filwaqt li titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima mnaqqsa u l-RRP aġġornat, il-miżuri li effettivament jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika jammontaw għal 50,1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP aġġornat, meta mqabbel mal-RRP inizjali ta' 50,3 %. Dawk iċ-ċifri ġew ikkalkulati skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (32) Barra minn hekk, fir-rigward tal-kriterju ta' valutazzjoni stipulat fl-Artikolu 19(3), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri li effettivament jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 29,6 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP aġġornat, meta mqabbel ma' 27,5 % fl-RRP inizjali. Dawk iċ-ċifri ġew ikkalkulati skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (33) Fir-rigward tal-kriterji ta' valutazzjoni stipulati fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (c), (d), (g), (h), (i), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241, il-modifiki limitati tal-RRP ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-pjan inizjali.
- (34) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP aġġornat tal-Finlandja bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-emendi għar-riformi u għall-proġetti ta' investiment meħtieġa biex jitqies l-RRP aġġornat.

- (35) L-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat tal-Finlandja huma ta' EUR 1 822 137 000. Billi l-RRP aġġornat jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP aġġornat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli aġġornata għall-Finlandja, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP tal-Finlandja aġġornat jenħtieġ li tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Finlandja.
- (36) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Finlandja hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP aġġornat tal-Finlandja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Finlandja kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 1 822 051 146*. Ammont ta' EUR 1 660 743 618 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022. Ammont ulterjuri ta' EUR 161 307 528 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għall-Finlandja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.”;

* Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Finlandja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stipulata fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.”;

- (3) l-Anness huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Finlandja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President